MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 330/2009

**Camenzuli *Tyres* Limited ( C3844)**
**vs**
**Sultravel Limited ( C6601)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' elfejn tliet mija wiehed u erbghin ewro, u erbgha u sittin centezmu (€2341.64) rapprezentanti prezz ta' kwantita' ta' *tyres* mibjugha lis-socjeta' konvenuta u accettat minnha fuq ordni taghha stess u dan skont *statement* immarkat Dok A. anness mat-talba.

Illi minkejja li giet interpellatta diversi drabi sabiex thallas dan id-debitu dovut minnha anke ufficjalment hi baqghet inadempjenti;

Ghalhekk qieghda ssir din il-kawza kontra s-socjeta' konvenuta sabiex hija tigi kkundannata thallas s-somma fit-talba, bilanc minn somma akbar.

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk tal-ittra interpellatorja li ggib id-data tas-17 ta' Settembru, 2008, ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tas-17 ta' Ottubru, 2008 u bl-imghax legali mid-datta tan-notifika tal-istess ittra w cioe' mill-24 ta' Ottubru, 2008 sad-data tal-pagamaent effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li d-diretturi taghha huma ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepixxiet illi preliminarjament m'hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti u ghaldaqstant ghanda tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzzju.

Illi wkoll preliminarjament is-socjeta' konvenuta qatt ma xtrat u / jew akkwistat *tyres* minghand il-kumpnaija attrici u konsegwentement qatt ma kienet debitrici tal-atturi.

Illi wkoll preliminarjament jigi eccepit illi f'kull kaz it-talbiet attrici huma preskritti.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit illi t-tabiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti in atti.

Sema' x-xhieda ta' Edwin Camenzuli, Anton Camenzuli, Maria Victoria Sultana, Joseph Tonna, u Stephen Cachia.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghal hlas ta' numru ta' *tyres* allegatament mibjugha lis-socjeta' konvenuta u li baqghu ma thallsux lis-socjeta' attrici. Illi jirrizulta li hemm hames fatturi datati f'perjodu bejn id-19 ta' Ottubru, 2007 sal-31 ta' Mejju, 2008 li jammontaw skont *statement* mehmuz komplessivament ghal €2,341.64. Illi skont

dokumenti ezebiti, dawn il-fatturi isejhu lil Sultravel Limited.

Illi preliminarjament gie eccepit illi m'hemm ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' konvenuta w li s-socjeta' konvenuta qatt ma xtrat jew akkwistat *tyres* minghand il-kumpanija attrici. It-Tribunal ra serje ta' fatturi ezebiti mis-socjeta' attrici datati sa mill-2003 'l quddiem u ra li dejjem gew indirizzati lis-socjeta' konvenuta. Illi dawn il-fatturi gew fil-fatt imhallsa u dan skont r-*remittance advice* mahruga mis-socjeta' konvenuta. Illi lit-Tribunal jidhirlu li tul hames snin ta' negozju bejn il-partijiet, is-socjeta' attrici dejjem innegozjat mas-socjeta' konvenuta. Illi l-unika prova li gabet is-socjeta' konvenuta huwa meta ntqal illi r-*remittance advices* hargu bi zball ghaliex kellhom jinhargu f'isem Sultana Brothers Transports Limited. Illi ma jirrizulta minn imkien illi s-socjeta' attrici qatt innegozjat mas-socjeta' bl-isem Sultana Brothers Transports Limited tant illi kemm il-fatturi u kemm il- *remittance advices* dejjem hargu f'isem is-socjeta' konvenuta u li l-ewwel darba li ssemmiet socjeta' ohra kienet quddiem dan it-Tribunal u ghajr ghall-fatt illi ssemma li sar zball fir-*remittance advice* lit-Tribunal ma jidirlux illi ngabu provi wisq konvincenti in sostenn tal-eccezzjoni preliminari. Lit-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' konvenuta kellha hames snin sabiex tirrimedja dan l-izball u jinsisti li l-fatturi u r-*remittance advice* johorgu f'isem socjeta' ohra. Illi mill-provi jirrizulta li fil-bidu tan-negozju, s-socjeta' attrici kienet tikkonsenja *tyres* direttament fid-depozitu ta' Sultana Brothers Transpot Limited f'Burmarrad izda jirrizulta ukoll illi minn certu perjodu 'l quddiem ma baghux jikkonsenjaw fuq Burmarrad izda t-*tyres* kienu jingabru mix-xufiera tas-socjeta' konvenuta direttament mill-uffciju tas-socjeta' attrici. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-indirizz tal-konsenja m'hijiex necessarjament prova ta' min fil-fatt ikun qieghed johrog u jhallas ghall-ordnijiet.

Illi mill-provi jirrizulta li l-ordnijiet tat-*tyres* kienu jsiru jew bit-telefon jew meta kienu jitfaccaw xufiera tas-socjeta' konvenuta fl-ufficju tas-socjeta' attrici.

Illi l-fatturi in kontestazzjoni huma l-fatturi ezebiti in atti u dokumentati bhala:

Dok RB12 a fol. 27 fattura numru 7613 - 19/10/2007 fis-somma ta' €105
Dok RB13 a fol.28 fattura numru 7674 - 06/11/2007 fis-somma ta' €209.99
Dok RB14 a fol. 29 fattura numru 7716 - 19/11/2007 fis-somma ta' €206.00
Dok RB15 a fol. 29 fattura numru 2460 – 03/01/2008 fis-somma ta' €244.55
Dok RB16 a fol. 29 fattura numru 9911 - 09/05/2008 fis-somma ta' €478.51
Dok RB17 a fol. 29 fattura numru 7716 – 31/05/2008 fis-somma ta' €405.00

It-Tribunal jirrilleva li ghal xi raguni d-dokumenti RB12, RB13 u RB14 ma jirriflettux l-ammont imnizzel fl-istatement mehmuz mat-talba ghalkemm hemm xi cifri mhazza fuq l-istess fatturi ezebiti in atti. Illi mill-provi attrici jirrizulta li dawn il-fatturi hawn elenkati huma l-fatturi fuq liema giet bazata it-talba. Illi jekk wiehed jara l-*istatement* kif gie prezentat jirrizulta li l-prezzjijiet ta' *tyres* bl-istess *code numbers* m'humiex konsistenti mal-prezzijiet fil-fatturi. Illi t-Tribunal jirrizultalu li s-sistema ta' kontabilita' tas-socjeta' attrici m'hijiex wahda mill-iktar kurata u taghti lok ghal hafna dubji. Illi in konkluzjoni l-fatturi ezebiti bhala Dok RB12 RB13 u RB14 huma f'somma inqas minn dik imnizzla fl-*istatement*. It-Tribunal huwa tal-fehma li jista' jkun il-kaz illi l-fattura harget f'ammont inqas, izda dan l-ammont qatt ma gie korregut korrettement kif suppost izda gie mhazzez min-naha tas-socjeta' attrici kif dehritilha hija fic-cirkostanzi. Bil-konsegwenza li t-Tribunal inholqulu dubji serji dwar il-professjonalita' kemm ta' kif is-socjeta' attrici taccetta ordnijiet u kemm dwar is-sistema ta' kontabilita' tas-socjeta' attrici. Illi jirrizulta li s-socjeta' attrici fil-bidu kienet tiehu ordnijiet minn certu Joe Tonna permezz tat-telefon u s-socjeta' attrici kienet tikkonsenja dawn it-*tyres* fil-post indikat minn min kien qieghed jaghmel l-ordni. Illi dwar minn liema socjeta' kienu jinhargu l-ordnijiet, t-Tribunal huwa konvint illi l-ordnijiet kienu dejjem isiru ghan-nom ta'

Sultravel u mhux ghan-nom ta’ Sultana Brothers Transport Limited ghalkemm huwa minnu li l-*coaches* kienu jappartjenu lil din is-socjeta’. Illi kemm il-fatturi u kemm ir-*remittance advice*s kienu jinhargu ukoll f’isem Sultravel Limited u ta’ dan it-Tribunal ma jistax ma jikkonkludiex illi jezisti ness guridiku mas-socjeta’ konvenuta u ghaldaqstant huwa konvint illi s-socjeta’ konvenuta hija legttimu kuntradittur f’din il-kawza.

Illi hija l-fehma tat-Tribunal illi s-socjeta’ konvenuta ma ppruvatx illi s-socjeta’ konvenuta ma kienetx fil-fatt il-legittimu kuntradittur u ghalhekk ha jghaddi sabiex jiddeciedi l-kaz fuq il-mertu u fuq l-eccezjoni tal-preskrizzjoni.

Illi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, t-Tribunal jirrilleva li s-socjeta’ konvenuta qatt ma semmiet taht liema artiklu tal-ligi hija bbazata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Illi huwa pacifiku fil-gurispridenza nostrana illi meta l-artiklu tal-preskrizzzjoni ma jigix citat min-naha ta’ min ikun qieghed jissollevaha, din l-ececzzjoni ma tistax tigi meqjusa. Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal m’huwiex ha jissokta jiehu konjizzoni l-eccezzjoni tal-preskrizzjni kif dedotta u ghalhekk ha jghaddi sabiex jezamina l-fatti.

Illi fil-mertu din il-kwistjoni hija wahda ta’ debitu li ghadu ma thallasx. Illi min-naha tas-socjeta’ konvenuta qieghed jinghad illi dan id-debitu ma jappertjenix lilha. Dirigent tas-socjeta’ konvenuta qalet illi s-socjeta’ konvenuta qatt ma ordnat it-*tyres* elenkati fl-*istatement* mehmuz mat-talba u l-fatturi ezebiti mis-socjeta’ attrici. It-Tribunal huwa tal-fehma li ma jistax jeskludi li dawn it-*tyres* gew ordnati minn impjegati tas-socjeta’ konvenuta. Illi s-socjeta’ attrici stqarret illi t-*tyres* gew konsenjati lix-xufiera tal-*coaches* direttament meta huma kienu jigu ghalihom mill-ufficju taghhom. Illi ma kull konsenja kienet tinhareg fattura li kienet tigi ffirmata. It-Tribunal jirrilleva li s-socjeta’ konvenuta qatt ma kienet tohrog rikjesta fomali ghal *tyres* bil-miktub izda l-ordinijiet dejjem inharrgu permezz tat-telefon jew fizikament meta x-xufuera kienu jmorru direttament ghand is-socjeta’ attrci u kienu jiffirmaw ghal dawn it-*tyres*. Ir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici stqarret

illi kien dejjem imur l-istess bniedem sabiex jigbor il-konsenja tat-*tyres* izda mid-dokumenti ezebiti jirrizulta li l-hames fatturi in kontestazzjoni ghandhom tlett firem differenti. Illi certu Carmel Cauchi li ma baqax jahdem mas-socjeta' konvenuta ma kienx il-bniedem skont is-socjeta'attrici li kien jigi jigbor it-*tyres* in kwistjoni, ghalkemm inghad mis-socjeta' konvenuta illi kien Carmel Cauchi li kien gieli imur ghat-*tyres* izda dan ma baqax jahdem magghhom.

It-Tribunal huwa tal-fehma li ghalkemm l-intenzjoni tas-socjeta' attrici kienet dejjem li taqdi l-klijent, bil-mod illi s-socjeta' attrici gestiet in-negozju taghha, seta' jaghti lok ghal cirkostanzi mhux favorevoli kif fil-fatt gara. Illi mill-provi rrizulta li n-negozju tas-socjeta' attrici huwa gestit minn mhux iktar minn tlett persuni ilkoll familja wahda. Illi fil-fehma tat-Tribunal, is-socjeta' attrici qatt ma kellha taccetta li tikkonsenja *tyres* lix-xufiera tas-socjeta' konvenuta minghajr l-awtorizazzjoni ta' xi hadd li huwa inkarigat mix-xiri u konsenji ghas-socjeta' konvenuta partikolarment meta l-oggetti in kwistjoni huma ta' certu valur.

It-Tribunal jemmen lis-socjeta konvenuta meta tghid li ma ordnatx t-*tyres* imsemmija fit-talba, izda jifhem ukoll illi jista' jkun il-kaz illi huwa rrizultat ukoll mill-inkonsistenzi li hemm bejn il-fatturi elenkati f'Dok RB 12 RB 13 u RB 14 mal-*istatement* mehmuz mat-talba.

Mid-dokumenti ezebiti jirrizulta li l-hames fatturi in kontestazzjoni ghandhom tlett firem differenti. Illi t-Tribunal qieghed jaghraf firma wahda biss li hija konsistenti ma firem ohra u cioe' dik fil-fattura numru 7674 datata 19 ta' Ottubru, 2007 u ffirmata minn certu J Tonna li hija ukoll konsistenti ma' firma antecedenti. It-Tribunal huwa ukoll moralment konvint illi kemm il-firem fil- fatturi 7613 u 7716 huma awtentici kif ukoll huwa moralment konvint illi gew konsenjati lis-socjeta' konvenuta izda l-konfuzjoni tqajmet minhabba t-tibdil fil-bilanci tal-fatturi. It-Tribunal jkompli jirrilleva li s-somma indikata fil-fatturi 7613, 7674 u 7716 jammontaw komplessivament ghal

€520.99 u mhux fis-somma akbar kif indikat fid-dokument mehmuz mat-talba.

Mill-provi kolha li ghandu quddiemu t-Tribunal, huwa moralment konvint illi l-fatturi numri 2460, 9911 u 2774 ma gewx konsenjati lis-socjeta' konvenuta izda gew konsenjati lil xi terzi minghajr l-awtorizazzjoni tas-socjeta' konvenuta. Illi meta s-socjeta' attrici accettat l-ordnijiet mix-xufiera tas-socjeta' konvenuta minghajr l-awtorizazzjoni tas-socjeta' konvenuta hija assumiet ir-responsabbilita' ta' l-ordni minn jhedda. Illi s-socjeta' attrici ma kellhiex toqghod fuq il-kelma ta' xufier izda messa dejjem ivverifikat direttament ma' min huwa responsabbli mix-xiri ta' *tyres* u mhux jikkonsenja t-*tyres* lil min ikun. Tant huwa fatt illi t-*tyres* kienu jkunu ikkonsenjati lil min ikun illi s-socjeta' attrrici l-anqas ma taf l-ismijiet ta' min u lil min kienet tikkosenja t-*tyres*. Illi f'kazijiet simili hija l-fehma tat-Tribunal li l-bejjiegh ghandu jnizzel ukoll numru ta' identita' tal-persuna lil min ikun qieghed jikkonsenja u ghandu jiffirma ghall-ordni partikolari fin-nuqqas ta' ordni bil-miktub.

It-Tribunal huwa konvint illi t-tliet fatturi elenakti bhala Dok RB 15, RB 16 u RB 17 ma jistghux jigu attribwiti lis-socjeta' konvenuta u qieghed jikkoncedi '*arbitrio boni viri'* li l-fatturi RB 12, RB 13 u RB 14 jappartjenu lis-socjeta' konvenuta u dana qieghed jaghmlu b'sens ta' gustizzja u ekwita' lill-partijiet kollha.

It-Tribunal jhoss illi jezistu nuqqasijiet miz-zewg socjetajiet. Illi min-naha tas-socjeta' attrici t-Tribunal huwa tal-fehma li ma kellha qatt taccetta ordnijiet mix-xufiera tas-socjeta' konvenuta minghajr l-awtorizazzjoni specifika tas-socjeta' konvenuta u iktar u iktar ma kelliex f'tali cirkostanzi accetta firem minghajr identifikazzjoni ta' min kien qieghed jiffirma. Min-naha l-ohra s-socjeta' konvenuta naqset meta hija ma ezigietx li l-ordnijiet ikunu sanzjonati minnha izda r-resposnabbilita' finali tibqa' dejjem mal-bejjiegh li kien qieghed jafda individwi mhux necessarjament awtorizzati u finalment skonoxxuti.

Huwa pacifiku li min jallega jrid jipprova. Fil-kaz in kwistjoni s-socjeta' attrici ghamlet allegazzjonijiet li ma setghtex isostnihom fl-intier taghhom. Gie ppruvat ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal li s-socjeta' konvenuta hijha l-legittiumu kuntradittur f'din il-kawza. Gie ppruvat ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal illi l-fatturi ezebiti bhala Dok RB 12, RB 13 u RB 14 fis-somma komplessiva ta' hames mija u ghoxrin ewro u disgha u disghin centezmu (€520.99) huma dovuti mis-socjeta' konvenuta. Izda l-fatturi ezebiti bhala Dok RB15, RB16 u RB17 ma gewx ippruvati.

Ghalhekk, wara li sema' u evalwa l-provi kollha bir-reqqa, t-Tribunal ma jhossux moralment konvint illi s-socjeta' attrici ippruvat is-somma kif indikata fit-talba izda ppruvat debitu fis-somma ta' €520.99. Illi s-socjeta' attrici ppruvat ukoll illi hija ghandha ness guridiku mas-socjeta' konvenuta u li ghalhekk kwalunkwe' debitu naxxenti minn dan in-ness guridiku jista' jappertjeni lis-socjeta' konvenuta. Illi l-ecezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tigi meqjusa minhabba nuqqas procedurali min-naha tas-socjeta' konvenuta.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddecedi billi jilqa' t-talba attrici in parte u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma limitata ta' hames mija u ghoxrin ewro u disgha u disghin centezmi (€520.99) bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez sopportati tlett kwarti mis-socjeta' attrici u kwart mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------